V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

MEDIA 2007 – FESTIVALS AWDJOVIŻIVI

Sejħa għal Proposti – EACEA/29/12

(2012/C 290/03)

1. Objettivi u Deskrizzjoni

Dan l-avviż għal sejħa għal proposti huwa bbażat fuq id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007).

L-għanijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija aktar 'il fuq jinkludu:

— faċilitar u inkoraġġament tal-promozzjoni u ċ-ċirkolazzjoni ta' xogħol awdioviżiv u ċinematografiku Ewropew f'wirjiet, fieri u festivals awdioviżivi ġol-Ewropa u madwar id-dinja, ladarba dawn l-avvenimenti jafu jaqdu rwol importanti fil-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u fil-ħolqien ta' netwerks ta' professjonisti;

— it-titjib tal-aċċess tal-pubbliku Ewropew u internazzjonali għax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej.

2. Applikanti eliġibbli

Dan l-avviż huwa mmirat lejn kumpanniji Ewropej li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi ta' hawn fuq. L-applikanti jridu jkunu stabbiliti f'wieħed minn dawn il-pajjiżi: is-27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea, il-pajjiżi tal-EFTA, l-Iżvizzera u l-Kroazja; Il-Bosnja-Ħerzegovina (taħt il-kundizzjoni tal-finalizzazzjoni tal-proċess ta' negozjati u l-formalizzazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' dan il-pajjiż għall-programm MEDIA).

3. Azzjonijiet eliġibbli

Organizzazzjonijiet bħal dawn għandhom jorganizzaw festivals awdjoviżivi li jikkontribwixxu lejn l-għanijiet imsemmija u li fir-rigward tal-programmazzjoni globali juru minimu ta' 70 % ta' films Ewropej minn tal-inqas 10 Stati li jipparteċipaw fil-Programm MEDIA.

Il-Proġetti jridu jibdew bejn tal-1 ta' Marzu 2013 u t-30 ta' April 2014.

4. Kriterji tal-Aġġudikazzjoni

Ser jiġu allokati l-punti minn total ta' 100 abbażi tal-weighting li ġej:

— Id-dimensjoni Ewropea tal-ipprogrammar (15-il punt)

— Id-diversità kulturali u ġeografika tal-ipprogrammar (20 punt)

— Il-kwalità u n-natura innovattiva tal-ipprogrammar (10 punti)

— L-impatt fuq l-udjenza (30 punt)

— L-impatt fuq il-promozzjoni u ċ-ċirkolazzjoni tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej (15-il punt)

— Il-parteċipazzjoni tal-professjonisti tal-films (10 punti)

5. **Baġit**

Il-baġit totali stmat allokat għall-kofinanzjament ta' proġetti huwa ta' EUR 3 500 000 (bil-kundizzjoni li jiġi adottat il-baġit tal-2013).

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija ma għandha qatt taqbeż il-50 % tat-total tal-ispejjeż eliġibbli. Il-massimu għall-għotjiet huwa ta' EUR 75 000.

L-Aġenzija żżomm il-possibbiltà li ma tattribwix il-fondi kollha disponibbli.

6. **Skadenza għall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet**

Dati tal-għeluq għall-preżentazzjoni tal-proposti:

— is-**16 ta' Novembru 2012:** għal proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Mejju 2013 u l-31 ta' Ottubru 2013

— it-**30 ta' April 2013:** għal proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Novembru 2013 u t-30 ta' April 2014

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Aġenzija Eżekuttiva (EACEA) fl-indirizz li ġej:

Education, Audiovisual and Culture Executive Agency (EACEA)
Unit MEDIA Programme — P8
Call for proposals EACEA/29/12 — Festivals
BOUR 4/61
Avenue du Bourget/Bourgetlaan 1
1140 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

L-applikazzjonijiet ippreżentati fuq il-formola adegwata, mimlijin kif xieraq, datati u ffirmati mill-persuna bis-setgħa li tirrappreżenta legalment il-korp li qiegħed jagħmel it-talba biss jistgħu jiġu aċċettati.

Applikazzjonijiet mibgħuta b'fax jew email mhux ser jiġu milqugħa.

7. **Aktar tagħrif**

Istruzzjonijiet / formoli tal-applikazzjoni għas-sejħa:

http://ec.europa.eu/media

L-applikazzjonijiet għandhom ikunu konformi mat-termini kollha tal-linji gwida u jintbagħtu fuq il-formoli pprovduti. Il-kundizzjonijiet ġenerali applikabbli huma dawk ippubblikati fuq is-sit:

http://eacea.ec.europa.eu/about/eacea_documents_register_en.php